MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru 1001/2014

**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**MARIO FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mario Farrugia ta’ 52 sena, bin Nazzareno u Klara nee’ Farrugia, mwieled Zurrieq, fit- 18 ta’ Ottubru 1961, residenti La Carrieri, Triq Dun Guzepp Barbara, Zurrieq u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 14962M;

> Talli fix- xahar ta’ Gunju 2014 fil- hanut tieghu Belle Epoke li jinsab gewwa Triq il- Ferrovija, Hamrun u/ jew f’ dawn il- gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita min wahda Istruttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tipprocedi sommarjament fil-kawza;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-imputat ghen bis-shih lill-Pulizija f’din l-investigazzjoni, u l-oggetti li nstabu ghandu kollha gew ritornati lis-sid taghhom;

Rat ukoll li l-imputat kien dispost ihallas l-ispejjez tal-*proces verbal* ghal dak li kellu x’jaqsam mar-reat ta’ ricettazzjoni;

Rat il-fedina penali netta tal-imputat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal- proces verbal relatati mar-reat ta’ ricetazzjoni, meta dawn jigu kwantifikati mir-Registratur.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------